Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 442/2011

tad-9 ta' Mejju 2011

dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

(ĠU L 121, 10.5.2011, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 504/2011 tat-23 ta' Mejju 2011	L 136	45	24.5.2011
►**M2**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 611/2011 tat-23 ta' Ġunju 2011	L 164	1	24.6.2011
►**M3**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 755/2011 tal-1 ta' Awwissu 2011	L 199	33	2.8.2011
►**M4**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 843/2011 tat-23 ta' Awwissu 2011	L 218	1	24.8.2011
►**M5**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 878/2011 tat-2 ta' Settembru 2011	L 228	1	3.9.2011
►**M6**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 950/2011 tat-23 ta' Settembru 2011	L 247	3	24.9.2011

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 164, 24.6.2011, p. 17 (504/2011)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 442/2011

tad-9 ta' Mejju 2011

dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/273/PESK ta' 9 ta' Mejju 2011 dwar miżuri ristrettivi kontra s-Sirja [1], adottata f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2011/273/PESK tipprevedi embargo fuq l-armi, projbizzjoni fuq tagħmir ta' repressjoni interna, u restrizzjonijiet fuq l-ammissjoni lejn l-Unjoni, u l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi, ta' ċerti persuni u entitajiet responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Dawk il-persuni, l-entitajiet u l-korpi huma elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(2) Uħud minn dawk il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal- Unjoni sabiex jiġu implimentati, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(3) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, id-dritt għal rimedju effettiv u għal smigħ ġust u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat skont dawk id-drittijiet.

(4) Is-setgħa biex tiġi emendata l-lista fl-Anness II ta' dan ir-Regolament għandha tiġi eżerċitata mill-Kunsill, fid-dawl tas-sitwazzjoni politika serja fis-Serja, u sabiex tiġi żgurata konsistenza mal-proċess għall-emendar u l-eżami mill-ġdid tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/273/PESK.

(5) Il-proċedura għall-emendar tal-listi fl-Anness II ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi l-għoti tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi nominati, sabiex jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet. Fejn jitressqu osservazzjonijiet, jew tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u jinforma lill-persuna, l-entità jew il-korp ikkonċernati kif meħtieġ.

[1] ĠU L 121, 10.5.2011, p. 11.

▼B

(6) Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u sabiex tinżholoq ċertezza legali massima fi ħdan l-Unjoni, l-ismijiet u data rilevanti oħra li tikkonċerna persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom jeħtieġ li jiġu ffriżati skont dan ir-Regolament, iridu jiġu ppubblikati. Kwalunkwe proċessar ta' data personali għandu jkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1] u d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [2].

(7) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "fondi" tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull tip, li jinkludu iżda li mhumiex limitati għal:

(i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flus, kambjali, ordnijiet ta' flus u strumenti oħra ta' pagament;

(ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fuq kontijiet, dejn u obbligi ta' dejn;

(iii) titoli nnegozjati pubblikament u privatament u strumenti ta' dejn, inklużi ishma u azzjonijiet, ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, bonds, noti, garanziji, ċedoli ta' obbligazzjoni u kuntratti tad-derivati;

(iv) imgħax, dividends jew introjtu ieħor fuq jew valur dovut minn jew iġġenerat minn assi;

(v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, garanziji fuq xogħol b'kuntratt jew impenji finanzjarji oħra;

(vi) ittri ta' kreditu, poloz tat-tagħbija, poloz ta' bejgħ;

(vii) dokumenti li jagħtu prova ta' interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[2] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

▼B

(b) “iffriżar ta' fondi” tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi fi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, l-ammont, il-post, id-dritt tal-proprjetà, il-pussess, il-karattru, id-destinazzjoni tagħhom jew f'bidla oħra li tippermetti li l-fondi jintużaw, inkluż l-immaniġġar ta' portafoll;

(c) “riżorsi ekonomiċi” tfisser assi ta' kwalunkwe tip, kemm dawk tanġibbli kif ukoll dawk intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi;

(d) “iffriżar ta'' riżorsi ekonomiċi” tfisser il-prevenzjoni tal-użu tagħhom biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi bi kwalunkwe mod, li jinkludi, iżda li mhuwiex limitat għall-bejgħ, il-kiri jew l-ipotekar tagħhom;

(e) “għajnuna teknika” tfisser kwalunkwe appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, immuntar, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u tista' tkun f'forma ta' struzzjoni, parir, taħriġ, it-trasmissjoni ta' għarfien operazzjonali jew ħiliet jew servizzi ta' konsulenza; inklużi forom verbali ta' għajnuna;

(f) “territorju tal-Unjoni” tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, skont il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom;

▼M5

(g) “assigurazzjoni” tfisser impriża jew impenn li bih persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar ikunu obbligati, bi ħlas, biex jipprovdu lil persuna waħda oħra jew aktar, fil-każ ta’ materjalizzazzjoni ta’ riskju, b’indennità jew benefiċċju kif determinat mill-impriża jew l-impenn;

(h) “riassigurazzjoni” tfisser l-attività li tikkonsisti fl-aċċettar ta’ riskji ċeduti minn impriża tal-assigurazzjoni jew minn impriża tar-riassigurazzjoni oħra jew, fil-każ tal-assoċjazzjoni ta’ sottoskritturi magħrufa bħala Lloyd’s, l-attività li tikkonsisti fl-aċċettar ta’ riskji ċeduti minn xi membru tal-Lloyd’s, minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għajr l-assoċjazzjoni ta’ sottoskritturi magħrufa bħala Lloyd’s;

(i) “prodotti taż-żejt” tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness IV;

▼M6

(j) “persuna, entità jew korp Sirjani” tfisser:

(i) l-Istat tas-Sirja jew kwalunkwe awtorità pubblika tiegħu;

(ii) kwalunkwe persuna fiżika fis-Sirja, jew residenti hemmhekk;

(iii) kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fis-Sirja;

(iv) kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fis-Sirja jew barra minnha, li jkunu, direttament jew indirettament, proprjetà ta’ wieħed jew waħda jew aktar mill-persuni jew korpi msemmijin hawn fuq, jew ikunu kkontrollati minnhom.

▼B

Artikolu 2

1. Għandu jiġi pprojbit:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness I, kemm jekk joriġina fl-Unjoni kemm jekk le, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Sirja, jew għall-użu fis-Sirja;

(b) il-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonat, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jinħarbu l-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a).

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket tal-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn is-Sirja minn persunal tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), persunal tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-midja jew ħaddiema umanitarji u ħaddiema għall-iżvilupp u persunal assoċjat esklussivament għall-użu personali tagħhom.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kif elenkati fl-Anness III jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna, taħt tali kondizzjonijiet li jqisu xierqa, jekk jiddeterminaw li tali tagħmir huwa maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv.

▼M6

Artikolu 2a

Huwa pprojbit li wieħed ibigħ, iforni, jittrasferixxi jew jesporta, direttament jew indirettament, karti tal-flus u muniti ġodda b'denominazzjoni Sirjana, stampati fl-UE, lill-Bank Ċentrali tas-Sirja.

▼B

Artikolu 3

1. Għandu jiġi pprojbit:

(a) il-provvista, b'mod dirett jew indirett, ta' għajnuna teknika relatata mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("Lista Militari Komuni"), jew relatata mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti inklużi f'dik il-lista, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Sirja jew għall-użu fis-Sirja;

(b) il-provvista, b'mod dirett jew indirett, ta' għajnuna teknika jew servizzi ta' senserija relatati ma' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness I, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Sirja jew għall-użu fis-Sirja;

(c) il-provvista, b'mod dirett jew indirett, ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni jew fl-Anness I, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni fuq kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali oġġetti, jew għal kwalunkwe provvista ta' għajnuna teknika relatata lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Sirja jew għall-użu fis-Sirja;

([1]) ĠU C 86, 18.3.2011, p. 1.

▼B

(d) il-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonat, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (c).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-projbizzjonijiet imsemmija fih ma għandhomx japplikaw għall-provvista ta' assistenza teknika, finanzjament u għajnuna finanzjarja marbuta ma':

— assistenza teknika maħsuba biss bħala appoġġ għall-Forza tan-Nazzjonijiet Uniti Inkarigata mill-Osservanza tad-Diżimpenn (UNDOF);

— tagħmir militari li ma joqtolx, jew tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, maħsub biss għal skopijiet umanitarji jew protettivi, jew għall-programmi għall-bini ta' istituzzjonijiet tan-NU u l-Unjoni, jew għal operazzjonijiet tal-Unjoni u n-NU ta' maniġġar ta' kriżijiet; jew

— vetturi mhux għall-ġlied mgħammra b'materjal li jipprovdi protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv tal-persunal tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fis-Sirja;

bil-kondizzjoni li tali dispożizzjoni tkun ġiet qabelxejn approvata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, kif identifikata fil-websites elenkati fl-Anness III.

▼M5

Artikolu 3a

Għandhom jiġi pprojbiti:

(a) l-importazzjoni ta' żejt mhux raffinat jew ta' prodotti petroliferi lejn l-Unjoni jekk

(i) ikunu joriġinaw fis-Sirja; jew

(ii) ikunu ġew esportati mis-Sirja;

(b) ix-xiri ta' żejt mhux raffinat jew ta' prodotti petroliferi li jinsabu fis-Sirja jew li joriġinaw fiha;

(ċ) it-trasport taż-żejt mhux raffinat jew tal-prodotti petroliferi jekk dawn ikunu joriġinaw mis-Sirja, jew ikunu qed jiġu esportati mis-Sirja lejn kwalunkwe pajjiż ieħor;

(d) il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja, inklużi derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c); u

(e) il-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom huwa, li direttament jew indirettament, jevitaw il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b), (c) jew (d).

Artikolu 3b

Il-projbizzjonijiet tal-Artikolu 3a ma għandhomx japplikaw għal:

(a) l-eżekuzzjoni, nhar jew qabel il-15 ta' Novembru 2011, ta' obbligu li joħroġ minn kuntratt konkluż qabel it-2 ta' Settembru 2011, sakemm il-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li jkunu jridu jwettqu l-obbligu kkonċernat jinnotifikaw, tal-anqas 3 ijiem tax-xogħol bil-quddiem, l-attività jew tranżazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, kif identifikat fil-websajts elenkati fl-Anness III; jew

▼M5

(b) ix-xiri ta' żejt mhux raffinat jew ta' prodotti petroliferi li kienu ġew esportati mis-Sirja qabel it-2 ta' Settembru 2011, jew, fejn l-esportazzjoni saret skont il-punt (a) fil-15 ta' Novembru 2011 jew qabel.

▼M6

Artikolu 3c

1. Dan li ġej għandu jiġi pprojbit:

(a) l-għoti ta' kwalunkwe selfa jew kreditu finanzjarju lil kwlunkwe persuna, entità jew korp Sirjani msemmija fil-paragrafu 2;

(b) il-kisba jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni f'xi persuna, entità jew korp Sirjani msemmija fil-paragrafu 2;

(c) il-ħolqien ta' kwalunkwe impriża konġunta ma' xi persuna, entità jew korp Sirjani msemmija fil-paragrafu 2;

(d) il-parteċipazzjoni, konxja u b'intenzjoni, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) (b) u (c).

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal kwalunkwe persuna, entità jew korp Sirjani involuti fit-tiftix għaż-żejt jew fil-produzzjoni jew fir-raffinar tiegħu.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2 biss, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "esplorazzjoni ta' żejt mhux raffinat" tinkludi l-esplorazzjoni għar-riservi taż-żejt, u t-tiftix u l-ġestjoni tagħhom, kif ukoll il-forniment ta' servizzi ġeoloġiċi marbuta ma' tali riservi;

(b) "raffinar taż-żejt" tfisser l-ipproċċessar, il-kondizzjonament jew it-tħejjija taż-żejt għall-bejgħ finali tal-karburanti.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1:

(a) għandhom ikunu bla ħsara għat-twettiq ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti jew ftehimiet li ġew konklużi qabel it-23 ta' Settembru 2011;

(b) ma jwaqqafx l-estensjoni ta' parteċipazzjoni, jekk tali estensjoni tkun obbligu skont ftehim li ġie konkluż qabel it-23 ta' Settembru 2011.

▼B

Artikolu 4

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, li huma l-proprjetà ta', li huma miżmuma jew ikkontrollati mill- persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl- Annessi II għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom, direttament jew indirettament, isiru disponibbli għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness II, jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. Għandha tiġi pprojbita l-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonali, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun, direttament jew indirettament, li jaħarbu mill-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

▼B

Artikolu 5

▼M5

1. L-Anness II għandu jikkonsisti f'lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li, f'konformità mal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2011/273/PESK, ikunu ġew identifikati mill-Kunsill bħala persuni responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, persuni jew entitajiet li jibbenefikaw mir-reġim jew jappoġġjawh, jew persuni u entitajiet assoċjati magħhom.

▼B

2. L-Anness II għandu jinkludi r-raġunijiet għall-inklużjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati fil-lista.

3. L-Anness II għandu jinkludi wkoll, fejn tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

Artikolu 6

B'deroga mill-Artikolu 4, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kif identifikati fuq il-websites elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew id-disponibbiltà ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, taħt dawk il-kondizzjonijiet li jqisu bħala xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu:

(a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness II u l-membri dipendenti tal-familji tagħhom, inklużi ħlasijiet għal ikel, kera jew garanziji ipotekarji, mediċini u trattament mediku, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklussivament għall-pagament ta' onorarji professjonali raġonevoli jew għar-rimbors ta' spejjeż li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

▼M5

(c) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' tariffi jew imposti ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni regolari ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti rilevanti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mill-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni r-raġunijiet li għalihom hi kkunsidrat li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika;

▼M5

(e) maħsuba sabiex jitħallsu fi jew minn kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet skont il-liġi internazzjonali, safejn dawn il-pagamenti jkunu maħsuba biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew ta' organizzazzjoni internazzjonali; jew

(f) meħtieġa għal raġunijiet umanitarji, bħall-forniment u l-iffaċilitar tal-forniment ta' għajnuna umanitarja, il-forniment ta' materjali u provvisti meħtieġa għal ħtiġijiet ċivili essenzjali, inklużi ikel u materjali agrikoli għall-produzzjoni tiegħu, prodotti medikali, jew għal evakwazzjonijiet mis-Sirja.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li tingħata taħt dan l-Artikolu fi żmien erba' ġimgħat wara l-awtorizzazzjoni.

▼B

Artikolu 7

B'deroga mill-Artikolu 4, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi inkwistjoni huma s-suġġett ta' garanzija ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali stabbilita qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmi fl-Artikolu 4 jkunu ġew inklużi fl-Anness II, jew ta' sentenza ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi inkwistjoni jkunu ser jintużaw esklussivament sabiex jissodisfaw it-talbiet assigurati b'tali garanzija jew rikonoxxuti bħala validi f'tali sentenza, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet tal-persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) il-garanzija jew sentenza mhijiex għall-benefiċċju ta' persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness II; u

(d) ir-rikonoxximent li l-garanzija jew is-sentenza ma tmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.

Artikolu 8

1. L-Artikolu 4(2) ma għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

▼B

(b) pagamenti dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu konklużi jew inħolqu qabel id-data li fiha dak il-kont sar soġġett għal dan ir-Regolament,

bil-kondizzjoni li dan l-imgħax, dħul ieħor u pagamenti jkunu ffriżati skont l-Artikolu 4(1).

2. L-Artikolu 4(2) ma għandux iwaqqaf lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-Unjoni milli jikkreditaw kontijiet iffriżati meta jirċievu fondi trasferiti fil-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati, bil-kondizzjoni li kwalunkwe żieda għal dawn il-kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti dwar kwalunkwe tali transazzjoni mingħajr dewmien.

Artikolu 9

B'deroga mill-Artikolu 4, u bil-kondizzjoni li pagament minn persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness II ikun dovut taħt kuntratt jew ftehim li jkun ġie konklużż sad-data li fiha dik il-persuna, entità jew korp tkun ġiet elenkata, jew fil-każ ta' xi obbligu, li jkun oriġina minn qabel dik id-data, għall-persuna, l-entità jew il-korp ikkonċernati, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikati fuq il-websites elenkati fl-Aness III, jistgħu jawtorizzaw, skont il-kondizzjonijiet li jkunu jqisu bħala xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, bil-kondizzjoni li dak il-pagament ma jkunx irċevut direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemmija fl-Artikolu 4.

Artikolu 10

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, imwettaq bona fede fuq il-bażi li tali azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandux joħloq responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma b'riżultat ta' negliġenza.

2. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(2) ma għandhiex twassal għal responsabbiltà ta' ebda tip fuq in-naħa tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li poġġew għad-dispożizzjoni fondi jew riżorsi ekonomiċi, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu ser jiksru il-projbizzjoni inkwistjoni.

▼M6

Artikolu 10a

M'għandhom jingħataw l-ebda klejms, inklużi għal kumpens jew indemnifikazzjoni jew kwalunkwe klejm oħra ta' din ix-xorta, bħal klejm għal tpaċija, multi jew klejms taħt garanzija, klejms għal estensjoni jew pagament ta' bond, garanzija finanzjarja, inklużi klejms li jirriżultaw minn ittri ta' kreditu jew minn strumenti simili b'rabta ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħhom ikun intlaqat, direttament jew indirettament, kollu jew parti minnu, bil-miżuri imposti permezz ta' dan ir-Regolament, lill-Gvern tas-Sirja, lill-korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji tiegħu, jew lil kwalunkwe persuna jew entità li li tikklejma permezz tagħhom jew għall-benefiċċju tagħhom.

▼B

Artikolu 11

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-konfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi għandhom:

(a) jipprovdu immedjatament kwalunkwe informazzjoni li tista' tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati skont l-Artikolu 4, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti jew fejn jinsabu bħalissa, kif indikati fil-websites elenkati fl-Anness III, u għandhom jittrasmettu din l-informazzjoni direttament jew permezz tal-Istati Membri, lill-Kummissjoni; u

(b) jikkooperaw ma' dik l-awtorità kompetenti fi kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kwalunkwe informazzjoni li tingħata jew li tiġi rċevuta skont dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun ġiet ipprovduta jew riċevuta.

Artikolu 12

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jgħarrfu lil xulxin minnufih dwar il-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti, b'rabta ma' dan ir-Regolament, li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom, b'mod partikolari informazzjoni dwar problemi ta' ksur u ta' infurzar u sentenzi mogħtija minn qrati nazzjonali.

Artikolu 13

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li temenda l-Anness III abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

Artikolu 14

1. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 4(1), huwa għandu jemenda l-Anness II kif meħtieġ.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fil-paragrafu 1, direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, biex b'hekk tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp jingħata l-opportunità li jippreżenta osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jerġa' jeżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat kif meħtieġ.

4. Il-lista fl-Anness II għandha terġa' tiġi eżaminata f'intervalli regolari u tal-inqas kull 12-il xahar.

Artikolu 15

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet ipprovduti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 16

F'dan ir-Regolament, fejn ikun hemm rekwiżit li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata, infurmata jew li jsir xi tip ieħor ta' komunikazzjoni magħha, l-indirizz u d-dettalji l-oħra ta' kuntatt li għandhom jintużaw għal tali komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness III.

Artikolu 17

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;

(b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew kwalunkwe bastiment taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;

(c) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew lil hinn minnu li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe negozju mwettaq, b'mod sħiħ jew parzjali, fi ħdan l-Unjoni.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Lista ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif imsemmi fl-Artikolu 2 u l-Artikolu 3

1. Armi tan-nar, munizzjon u aċċessorji relatati magħhom, kif ġej:

